MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2012

Rikors Numru. 208/2012

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-esponenti izzewget f'Malta fil-kappella ta' San Bastjan, ir-Rabat, Malta nhar it-19 ta' Awissu 1982;
2. Illi dan iz-zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku att numru 1606/1982 b'kopja tac-certifikat anness u mmarkat Dok A;
3. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied maggorenni;
4. Ili dan iz-zwieg tkisser irremedjabbilment u l-partijiet kienu gew debitament separati permezz ta'

sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti ta' nhar is-17 ta' Ottubru 1995 kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok B;
5. Illi ghalhekk l-esponenti ilhom separati legalment ghal aktar minn erba' (4) snin;
6. Illi ma hemmx possibilita li l-kontendenti jergghu jirrikonciljaw;
7. Illi m'hemmx kwistjonijiet ta' manteniment;
8. Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati, kif tirrikjedi l-ligi;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar it-19 ta' Awissu 1982 jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;
2. tordna li s-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi;
3. Taghti kull provvediment ulterjuri li din il-Qorti jidhrilha opporotun u xieraq;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' April, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat illi l-intimat ma ipprezentax risposta izda xehed bil-gurament tieghu;

Semghet lir-rikorrenti tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex il-Qorti jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta' Ottubru, 1995 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemmx kwistjonijiet ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tiddikjata il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------